

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

► **M1** IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 692/2014

tat-23 ta' Ġunju 2014

dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ◀

(ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 825/2014 tat-30 ta' Lulju 2014	L 226	2	30.7.2014

Ikkoreġut minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 197, 4.7.2014, p. 87 (692/2014)

▼B▼M1**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 692/2014****tat-23 ta' Ġunju 2014****dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol**▼B

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK <sup>(1)</sup> dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Waqt il-laqgħa tiegħu tal-20-21 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-annessjoni mal-Federazzjoni Russa tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea ("il-Krimea") u tal-belt ta' Sevastopol ("Sevastopol") u mhux se jirrikonoxxiha. Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tevalwa l-konsegwenzi legali ta' dik l-annessjoni u biex tipproponi restrizzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u finanzjarji rigward il-Krimea għal implimentazzjoni rapida.
- (2) Fir-Risoluzzjoni tas-27 ta' Marzu 2014, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti affermat l-impenn tagħha għas-sovranità, l-indipendenza politika, l-unità u l-integrità territorjali tal-Ukraina fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, filwaqt li enfazzzjat l-invalidità tar-referendum fil-Krimea li sar fis-16 ta' Marzu, u sejħet lill-Istati kollha biex ma jirrikonoxxux kull tibdil fl-istatus tal-Krimea u ta' Sevastopol.
- (3) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol u dwar il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni ta' tali oġġetti minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Sabiex jiġi minimizzat l-effett ta' tali miżuri restrittivi fuq l-operaturi ekonomiċi, għandhom jiġu pprovduti eċċezzjonijiet u perjodi ta' tranżizzjoni fir-rigward ta' kummerċ foġġetti u servizzi relatati li għalihom huma meħtieġa tranżazzjonijiet permezz ta' kuntratt kummerċjali jew kuntratt anċillari, suġġetti għal proċedura ta' notifika.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ara l-paġna 70 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

**▼B**

- (4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, bil-ħsieb, b'mod partikolari, li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn ikunu implimentati.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “pretensjoni” tfisser kull pretensjoni, sew asserita bi proċedimenti legali jew le, magħmula qabel jew wara l-25 ta' Ġunju 2014, taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:
- (i) pretensjoni għat-tweqqif ta' kull obbligu li jirriżulta skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta ma' wieħed minnhom;
  - (ii) pretensjoni għall-estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, ta' garanzija finanzjarja jew ta' indennizz ta' kull forma;
  - (iii) pretensjoni għal kumpens marbut ma' kuntratt jew tranżazzjoni;
  - (iv) kontropretensjoni;
  - (v) pretensjoni għall-għarfien jew l-infurzar, inkluż bil-proċedura ta' exequatur, ta' sentenza, ta' deċiżjoni bl-arbitraġġ jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn tittieħed jew tingħata;
- (b) “kuntratt jew tranżazzjoni” tfisser kull tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, u sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop, “kuntratt” tinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, sew jekk legalment indipendenti jew le, kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni relatata li taqa' taħt, jew b'konnessjoni mat-tranżazzjoni;
- (c) “oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol” tfisser oġġetti li huma miksuba kompletament fil-Krimea jew fil-belt ta' Sevastopol jew li għaddew mill-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tagħhom hemmhekk, b'mod konformi, mutatis mutandis, mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità<sup>(1)</sup>;
- (d) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.
- (e) “awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness;

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

**▼ M1**

- (f) “servizzi ta' senserija” tfisser:
- (i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, il-bejgħ jew il-provvista ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż minn pajjiż terz lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew
  - (ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż fejn ikunu lokalizzati f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom lejn pajjiż terz ieħor;
- (g) “assistenza teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta' għarfien operazzjonali jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza, tinkludi forom verbali ta' assistenza.

**▼ B***Artikolu 2*

Għandu jiġi pprojbit:

- (a) li jiġu importati fl-Unjoni Ewropea oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol;
- (b) li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew għajjnuna finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt (a).

**▼ M1***Artikolu 2a*

1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-ġhoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu speċifikament marbuta mal-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp ta' infrastruttura fl-oqsma tat-trasport, it-telekomunikazzjoni jew l-enerġija fil-Krimea jew Sevastopol;
- (b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ u l-akkwist ta' ishma u titoli ta' natura parteċipattiva, f'intrapriżi stabbiliti fil-Krimea jew Sevastopol li huma involuti fil-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp ta' infrastruttura fl-oqsma tat-trasport, it-telekomunikazzjoni jew l-enerġija fil-Krimea jew Sevastopol;
- (c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta marbuta mal-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp ta' infrastruttura fis-setturi msemmija fl-oqsma tat-trasport, it-telekomunikazzjoni jew l-enerġija fil-Krimea jew Sevastopol;

2. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-ġhoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju speċifikament marbuta mal-isfruttament taż-żejt, tal-gass jew tar-riżorsi minerali fil-Krimea jew Sevastopol;
- (b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ u l-akkwist ta' ishma u titoli ta' natura parteċipattiva, f'intrapriżi stabbiliti fil-Krimea jew Sevastopol li huma involuti fl-isfruttament taż-żejt, tal-gass jew tar-riżorsi minerali fil-Krimea jew Sevastopol;

▼ **M1**

- (c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta marbuta mal-isfruttament taż-żejt, tal-gass jew tar-riżorsi minerali fil-Krimea jew Sevastopol.
3. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 2b, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) “riżorsi minerali” huma dawk elenkati fl-Anness II;
- (b) “esplojtazzjoni” tfisser l-esplorazzjoni, it-tiftix, l-estrazzjoni, l-irfinar u l-ġestjoni ta' riżervi taż-żejt, il-gass u r-riżorsi minerali u l-ġhoti ta' servizzi ġeoloġiċi relatati iżda ma tinkludix il-manteniment biex tkun żgurata s-sikurezza ta' infrastruttura eżistenti;
- (c) “irfinar” tfisser l-ipproċessar, l-ikkondizzjonar u l-preparazzjoni għall-bejgħ.

*Artikolu 2b*

Ikun ipprojbit li jiġu pprovduti, kemm jekk direttament kif ukoll indirettament, assistenza teknika, servizzi ta' senserija marbuta mal-attivitàjiet ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 2a.

*Artikolu 2c*

1. Ikun ipprojbit li jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti, esportati, kemm jekk direttament kif ukoll indirettament, apparat u teknoloġija kruċjali kif elenkat fl-Anness III lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew Sevastopol.
2. L-Anness III għandu jinkludi apparat u teknoloġija kruċjali marbut mal-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp ta' infrastruttura fis-setturi li ġejjin:
- (a) it-trasport;
- (b) it-telekomunikazzjoni;
- (c) l-enerġija;
- (d) l-isfruttament taż-żejt, il-gass u r-riżervi minerali fil-Krimea u Sevastopol.
3. Għandu jkun ipprojbit:
- (a) li jiġu pprovduti, kemm jekk direttament kif ukoll indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija marbuta mal-apparat u teknoloġija kruċjali elenkata fl-Anness III, jew marbuta mal-provvista, il-manifattura, iż-żamma u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness III lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew Sevastopol; u
- (b) li jiġu pprovduti, kemm jekk direttament kif ukoll indirettament, ifffinanzjar, jew assistenza finanzjarja marbuta mal-apparat u teknoloġija kruċjali elenkata fl-Anness III lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew Sevastopol.
4. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, b'għarfien jew b'intenzjoni, f'attivitàjiet li jkollhom bħala għan jew effett iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3.

**▼M1**

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma japplikawx fil-każ tal-eżekuzzjoni sat-28 ta' Ottubru 2014, ta' tranżazzjonijiet obbligatorji skont kuntratt ta' kummerċ konkluż qabel tat-30 ta' Lulju 2014 li jkun jikkonċerna apparat jew teknoloġija kruċjali kif elenkata fl-Anness III jew permezz ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti sakemm il-persuna ġuridika jew fiżika, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu li jidħlu ftali tranżazzjonijiet, jew li jipprovdu assistenza għal tali tranżazzjonijiet, ikunu nnotifikaw, mill-anqas 10 ijiem tax-xogħol minn qabel, it-tranżazzjoni jew l-assistenza lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti.

*Artikolu 2d*

L-Artikolu 2a u 2b ma japplikax għall-għoti ta' self jew kreditu finanzjarju, jew għall-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jew għall-ħolqien ta' xi impriża konġunta, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tranżazzjoni tkun obbligatorja skont ftehim jew kuntratt konkluż qabel tat-30 ta' Lulju 2014; u
- (b) l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-anqas 10 ijiem tax-xogħol minn qabel.

**▼B***Artikolu 3*

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 2 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) l-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2014, ta' kuntatti kummerċjali konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2014, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti bħal dawn, sakemm il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entità jew il-korp li jkunu jridu jwettqu l-kuntratt ikunu nnotifikaw, mill-anqas 10 ijiem ta' xogħol qabel, l-attività jew it-tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti.

**▼C1**

- (b) oġġetti li joriġinaw mill-Krimea jew Sevastopol li jkunu saru disponibbli għall-awtoritajiet tal-Ukraina għal eżaminazzjoni, li għalihom tkun ġiet ivverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet li jagħtu l-intitolament għal oriġini preferenzjali u li għalihom kien inħareġ ċertifikat tal-oriġini skont ir-Regolamenti (UE) Nru 978/2012 u (UE) Nru 374/2014 <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina.

**▼B***Artikolu 4*

Il-parteeipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 hija pprojbita.

*Artikolu 5*

L-azzjonijiet mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma jagħtux lok għal responsabbiltà tal-ebda xorta fuq in-naħa tagħhom jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1.



### Artikolu 6

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

- (a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, mill-entitajiet jew mill-korpi elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014;
- (b) kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz jew f'isem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a).
- (c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jkunu nstabu permezz ta' arbitraġġ, deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jkunu kisru l-projbizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament;
- (d) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jekk il-pretensjoni tkun tirrelata mal-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun ipprojbata taħt l-Artikolu 2.

2. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit bil-paragrafu 1, ikun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-infurzar ta' din il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

### Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni rigward il-problemi tal-vjolazzjoni u tal-infurzar u s-sentenzi maqtugħa mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissuazivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.



*Artikolu 9*

1. L-Istati Membri jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq il-websajts elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-indirizzi tal-websajts tagħhom elenkati fl-Anness II.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.
3. Meta dan ir-Regolament jippreżenta l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata jew infurmata, jew issir xi komunikazzjoni magħha xorta oħra, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li jintużaw għal din il-komunikazzjoni jkunu daww indikati fl-Anness.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kull inġenju tal-ajru jew kull bastiment fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;
- (d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull neġozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



▼ **M1***ANNEX I*▼ **B****Websajts għall-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

IL-BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

IL-BULGARIJA

<http://www.mfa.bg/en/pages/135/index.html>

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

ID-DANIMARKA

<http://um.dk/da/politik-og-diplomati/retsorden/sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html>

L-ESTONJA

[http://www.vm.ee/est/kat\\_622/](http://www.vm.ee/est/kat_622/)

L-IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

<http://www.exteriores.gob.es/Portal/es/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Documents/ORGANISMOS%20COMPETENTES%20SANCIONES%20INTERNACIONALES.pdf>

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

IL-KROAZJA

<http://www.mvep.hr/sankcije>

L-ITALJA

[http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica\\_Europea/Deroghe.htm](http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm)

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

L-UNGERIJA

[http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi\\_szankciok/](http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/)

MALTA

[http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions\\_monitoring.asp](http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp)

**▼ B**

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

[www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties](http://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties)

L-AWSTRIJA

[http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f\\_id=12750&LNG=en&version=](http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=)

IL-POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

IL-PORTUGALL

<http://www.portugal.gov.pt/pt/os-ministerios/ministerio-dos-negocios-estrangeiros/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/node/1548>

IS-SLOVENJA

[http://www.mzz.gov.si/si/zunanja\\_politika\\_in\\_mednarodno\\_pravo/zunanja\\_politika/mednarodna\\_varnost/omejevalni\\_ukrepi/](http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/)

IS-SLOVAKKJA

[http://www.mzv.sk/sk/europske\\_zalezitosti/europske\\_politiky-sankcie\\_eu](http://www.mzv.sk/sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu)

IL-FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteisty/pakotteet>

L-ISVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

IR-RENJU UNIT

<https://www.gov.uk/sanctions-embargoes-and-restrictions>

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission

Service for Foreign Policy Instruments (FPI)

EEAS 02/309

B-1049 Brussels

Belgium

E-mail: [relex-sanctions@ec.europa.eu](mailto:relex-sanctions@ec.europa.eu)



M1

## ANNEX II

Riżorsi Minerali msemija fl-Artikolu 2a:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2501 00 10	Ilma baħar u likuri melħin
2501 00 31	Melħ għal trasformazzjoni kimika “separazzjoni ta' Na minn Cl” għall-manifattura ta' prodotti oħrajn
2501 00 51	Melħ, żnaturati jew għal użi industrijali oħra, inkluż irfinar (eskl. it-trasformazzjoni jew il-preservazzjoni jew il-preparazzjoni ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman jew minn animali)
2501 00 99	Melħ u melħ (sodium chloride) pur, kemm jekk maħlul f'soluzzjoni ta' ilma jew li jkollu miżjudin miegħu aġenti biex ma jagħqadx jew aġenti għal mixi ħieles u kemm jekk le; (eskl. melħ tal-mejda, melħ għal trasformazzjoni kimika “separazzjoni ta' Na minn Cl”, melħ żnaturat u melħ għal użi industrijali oħra)
2502 00 00	Pirite tal-ħadid mhux inkaljat
2503 00	Kubrit ta' kull tip, ħliet kubrit sublimat, kubrit preċipitat u kubrit kollojde
2504	Grafita naturali
2505	Ramel naturali ta' kull xorta, kemm jekk huwa kkulurit u kemm jekk le, ħliet ramel li jkun fi metall ta' Kapitlu 26
2506	Kwarz (barra ramel naturali); kwartzit, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangatura ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le
2507 00	Kawlina u tafal kawliniku ieħor, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le
2508	Tafal ieħor (li ma jinkludix tafal espandut ta' intestatura 6806), andalusit, kjanit u sillimanit, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le; mullit; chamotte jew tafal dinas
2509 00 00	Ġibs
2510	Fosfati tal-kalċju naturali u fosfati tal-aluminju tal-kalċju naturali, ġibs naturali u fosfatiku
2511	Sulfat ta' barju naturali (baritina); karbonat ta' barju naturali (witherite), kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le, ħliet ossidu tal-barju ta' intestatura 2816
2512 00 00	Pasti ta' fossili silikużi (pereżempju, kieselguhr, tripolite u iatomite) u tafal silikuż simili, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le, ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 1 jew inqas
2513	Ħaffiefa; żmerill; kurundun naturali, granata naturali u sustanzi oħrajn abbrassivi naturali, kemm jekk trattati bis-sħana u kemm jekk le
2514 00 00	Lavanja, kemm jekk mirquma mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġħa, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le
2515	Irħam, travertina, ecaussine u ġebel ieħor kalkaruż għal monumenti jew għal bini ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 2,5 jew iżjed, u alabastru, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le
2516	Granit, porfirju, bażalt, ġebel imrammel u ġebel ieħor għal monumenti jew għal bini, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le
2517	Ċaġhaq, żrar, ġebel imkisser jew imfarrak, ta' tip użat ġeneralment għal taħlit tal-konkos, għat-tiswijiet ta' toroq jew linji tal-ferroviji jew sabbra oħra, ċaġhaq zġħir u żnied, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le; makadam tal-gagazza, skart ta' metalli jew skart industrijali simili, kemm jekk ikollhom magħhom materjali msemminjin fl-ewwel parti tat-intestatura u kemm jekk le; makadam bil-qatran; frak, żrar u trab, ta' ġebel ta' intestatura 2515 jew 2516, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le
2518	Dolomit, kemm jekk magħmul ġir jew mgħaqqad ma' trab bis-sħana u kemm jekk le, inkluż dolomit mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le; taħlita għal twebbis ta' dolomit

▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2519 00 00	Karbonat ta' manjesju naturali (manjesite) manjesja mdewba; manjesja maħruqa għal kollox (mgħaqda ma' trab bis-sħana), kemm jekk fiha kwantitajiet żgħir ta' ossidi oħrajn miżjudin qabel it-tqħaqqid ma' trab bis-sħana u kemm jekk le; ossidu tal-manjesju ieħor, pur jew le
2520	Ġibs; anidride; ġibs għall-kisi (jikkonsisti f'ġibs magħmul ġir jew sulfat tal-kalċju) kemm jekk ikkulurit u kemm jekk le, bi kwantitajiet żgħir ta' sustanzi li jgħaġġlu jew li jdewmu l-proċess jew mingħajrhom
2521 00 00	Flux tal-ġebbla tal-franka; ġebbla tal-franka u ġebel kalkaruż ieħor, tat-tip użat fil-manifattura ta' ġir jew siment
2522	Ġir verġni, ġir imħallat bl-ilma u ġir idrawliku, barra ossidu u idrossidu tal-kalċju ta' intestatura 2825
2523	Siment ta' Portland, siment tal-allumi, siment li għandu mill-gagazza, siment sulfuru eċċezzjonali u siment idrawliku simili, kemm jekk ikkulurit jew fil-forma ta' gagazza u kemm jekk le
2524	Asbestos
2525	Majka, inklużi qasmiet; skart tal-majka
2526	Steatite naturali, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtuġh, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le; terra
2528 00 00	Borati naturali u konċentrati tagħhom (kemm jekk magħmulin ġir u kemm jekk le), iżda li ma jinkludux borati separati minn ilma mielaħ naturali; aċidu boriku naturali li fih aktar minn 85 % ta' H <sub>3</sub> BO <sub>3</sub> ikkalkulat fuq piż xott
2529	Feldspar; lewċite; nefelina u sijenit tan-nefelina; fluworuspar
2530	Sustanzi minerali mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
2601	Minerali u konċentrati tal-ħadid, inklużi pirite tal-ħadid inkaljati
2602 00 00	Minerali u konċentrati tal-manganiż, inklużi minerali u konċentrati ta' manganiż ferruginuż, b'kontenut ta' manganiż ta' 20 % jew iktar, kalkulat fuq il-piż xott
2603 00 00	Minerali u konċentrati tar-ram
2604 00 00	Minerali u konċentrati tan-nikil
2605 00 00	Minerali u konċentrati tal-kobalt
2606 00 00	Minerali u konċentrati tal-aluminju
2607 00 00	Minerali u konċentrati taċ-ċomb
2608 00 00	Minerali u konċentrati taż-żingu
2609 00 00	Minerali u konċentrati tal-landa
2610 00 00	Minerali u konċentrati tal-kromju
2611 00 00	Minerali u konċentrati tat-tungstenu
2612	Minerali u konċentrati tal-uranju u tat-torju
2613	Minerali u konċentrati tal-molibdenum
2614 00 00	Minerali u konċentrati tat-titanju
2615	Minerali u konċentrati tan-niobju, tantalju, vanadju jew żirkonju
2616	Minerali u konċentrati tal-metalli prezzjużi
2617	Minerali u konċentrati oħrajn
2618 00 00	Gagazza mfarrka (ramel tal-gagazza) mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar
2619 00	Gagazza, rmixk tal-metalli (ħliet gagazza mfarrka), qxur u skart ieħor mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar
2620	Gagazza, irmied u fdal (ħliet mill-manifattura tal-ħadid jew tal-azzar), li fihom metalli, arseniku, jew il-komposti tagħhom

▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2621	Gagazza u rmied oħrajn, inklużi rmied tal-alka (kelp); irmied u fdal mill-ħruq ta' skart municiċipali
2701	Faħam; briquettes, ovojdi u karburanti simili solidi manifatturati mill-faħam
2702	Lignite, mgħaqqad jew le, ħlief ġett
2703 00 00	Pît (inkluż skart tal pît), mgħaqqad jew le
2704 00	Kokk u semi-kokk tal-faħam, ta' lignite u tal-pît, mgħaqqad jew le; karbonju tal-istorta
2705 00 00	Gass tal-faħam, gass tal-ilma, gass produttur u gassijiet simili, ħlief gassijiet ta' żejt mhux raffinat u idrokarboni oħrajn bil-gass
2706 00 00	Qatran distillat mill-faħam, mil-lignite jew mill-pît, u qatran ieħor minerali, kemm jekk deidratati jew parzjalment distillati jew le, inkluż qatran rikostitwit
2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak kostitwenti mhux aromatiċi
2708	Żift u kokk taż-żift, miksub minn qatran tal-faħam jew minn qatran ieħor minerali
2709 00	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux raffinati
2710	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % jew aktar tal-piż żjut minerali (petroleum) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; żjut għar-rimi
2711	Gassijiet minerali (petroleum) u idrokarbonji oħrajn bil-gass
2712	Vażelina; xema' bajda (tal-parafina), xema' taż-żejt minerali (petroleum) mikrokristallina, xema' slack, ożoċerita, xema' lignite, xema' tal-pit, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sintesi jew bi proċessi oħrajn, ikkulluriti jew le
2713	Kokk taż-żejt minerali (petroleum), qatran taż-żejt minerali (petroleum) u fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali (petroleum) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi
2714	Qatran u asfalt, naturali; "shale" tal-qatran jew taż-żejt u ramel taż-żift; asfaltiti u blat asfaltiku
2715 00 00	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq qatran ta' żejt minerali (petroleum), fuq żift minerali jew fuq qatran (tar pitch) minerali (pereżempju, gomom/siment bituminużi, "cut-backs")
2716 00 00	Enerġija elettrika
2801	Fluworin, klorin, bromin u jodju
2802 00 00	Kubrit, sublimat jew preċipitat; kubrit kollojde
2803 00 00	Karbonju (iswed tal-karbonju u forom oħrajn ta' karbonju li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra).
2804	Idroġenu, gassijiet rari u non-metalli oħrajn
2805	Alkali jew elementi metalliċi alkalini (alkaline-earth metals); elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), skandju u ittriju, imħalltin jew illigati flimkien jew le; merkurju
2806	Klorur tal-idroġenu (aċtu idrokloriku); aċtu klorosulfuriku
2807 00 00	Aċtu sulfuriku; oleu
2808 00 00	Aċtu nitriku; aċti sulfonitriċi
2809	Pentaossidu tad-difosfru; aċtu fosforiku; aċti polifosforiċi, definiti kimikament jew le
2810 00	Ossidi tal-boron; aċti boriċi
2811	Aċti inorganiċi oħrajn u komposti inorganiċi oħrajn tal-ossiġenu ta' non-metalli
2812	Alidi u ossidi tal-alid ta' non-metalli

▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2813	Sulfidi ta' non-metalli; trijusulfid tal-fosfru kummerċjali
2814	Ammonja, anidra jew f'soluzzjoni ta' ilma
2815	Idrossidu tas-sodju (soda kawstika); idrossidu tal-potassju (potassju kawstiku); perossidi tas-sodju jew tal-potassju
2816	Idrossidu u perossidu tal-manjesju; ossidi, idrossidi u perossidi, tal-istronzju u tal-barju
2817 00 00	Ossidu taż-żingu; perossidu taż-żingu
2818	Korundun artifiċjali, definit kimikament jew le; ossidu tal-aluminju; idrossidu tal-aluminju
2819	Ossidi u idrossidi tal-kromju
2820	Ossidi tal-manganiż
2821	Ossidi u idrossidi tal-ħadid; kuluri tal-art (earth colours) li fihom 70 % jew aktar tal-piż ħadid kombinat valutat bħala Fe <sub>2</sub> O <sub>3</sub>
2822 00 00	Ossidi u idrossidi tal-kobalt; ossidi tal-kobalt kummerċjali
2823 00 00	Ossidi tat-titanju
2824	Ossidi taċ-ċomb; ċomb aħmar u ċomb oranġjo
2825	Idrażin u idroksilamin u l-melħ inorganiku tagħhom; bażijiet oħrajn inorganiki; ossidi, idrossidi u perossidi metalliċi oħrajn
2826	Fluworidi; fluworosilikati, fluworoaluminati u melħ fluworin kumplessi ieħor
2827	Klorur, ossidi tal-klorur u idrossidi tal-klorur; bromuri u ossidi tal-bromur; joduri u ossidi tal-jodur
2828	Ippokloriti; ippoklorit tal-kalċju kummerċjali; kloriti; ippobromiti
2829	Klorati u perklorati; bromati u perbromati; jodati u perjodati
2830	Sulfidi; polisulfidi, definiti kimikament jew le
2831	Ditijoniti u sulfoksilati
2832	Sulfiti; tiosulfati
2833	Sulfati; allumi; perossosulfati (persulfati)
2834	Nitriti; nitrati
2835	Fosfinati (ippofosfiti), fosfonati (fosfiti) u fosfati; polifosfati, definiti kimikament jew le
2836	Karbonati; perossikarbonati (perkarbonati); karbonat tal-ammonju kummerċjali li fih karbamat tal-ammonju
2837	Ċjanuri, ossidi taċ-ċjanur u ċjanuri kumplessi
2839	Silikati; silikati metalliċi alkali kummerċjali
2840	Borati; perossiborati (perborati)
2841	Melħ ta' aċti oksometalliċi jew perokso-metalliċi
2842	Melħ ieħor ta' aċti inorganiki jew perossiaċidi (inklużi aluminosilikati kimikament definiti jew le), hliief ażuri
2843	Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiki jew organiċi ta' metalli prezzjużi, kimikament definiti jew le; amalgami ta' metalli prezzjużi
2844	Elementi kimiċi radjuattivi u isotopi radjuattivi (inklużi l-elementi u l-isotopi kimiċi fissili jew fertili) u l-komposti tagħhom; taħlit u fdalijiet li fihom dawn il-prodotti

▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2845	Isotopi ħlief dawk ta' intestatura 2844; komposti, inorganiċi jew organiċi, definiti kimikament jew le
2846	Komposti, inorganiċi jew organiċi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' ittirju jew ta' skandju jew ta' taħlitiet ta' dawn il-metalli
2847 00 00	Perossidu tal-idroġenu, solidifikat bl-urea jew le
2848 00 00	Fosfidi, definiti kimikament jew le, ħlief ferrosfosfru
2849	Karburi, definiti kimikament jew le
2850 00	Idruri, nitridi, azuri, siliciċi u boruri, definiti kimikament jew le, ħlief komposti li huma ukoll karburi ta' intestatura 2849
2852	Komposti inorganiċi jew organiċi tal-merkurju, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le, għajr amalgami
2853 00	Komposti oħrajn inorganiċi (inklużi ilma distillat jew għall-konduttività u ilma ta' purità simili); arja likwida (bil-gassijiet rari mneħħijin jew le); arja kompressata; amalgami, ħlief amalgami ta' metalli prezzjużi.
2901	Idrokarboni aċikliċi
2902	Idrokarboni ċikliċi
2903	Derivattivi aloġenati ta' idrokarboni
2904	Derivattivi ta' idrokarboni sulfonati, nitrati jew nitrosati, aloġenati jew le
2905	Alkoħoli aċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2906	Alkoħoli ċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2907	Fenoli; fenoli-alkoħoli
2908	Derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati ta' fenoli jew fenolalkoholi
2909	Eteri, eter-alkoħoli, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi ta' alkoħol, eter perossidi, keton perossidi (definiti kimikament jew le), u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2910	Epossidi, epoksialkoholi u epoksieteri, b'ċirku bi tliet membri, u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2911 00 00	Aċetali u emiaċetali, b'funzjoni t'ossiġenu jew le, u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2912	Aldeidi, b'funzjoni oħra ta' ossiġenu jew le; polimeri ċikliċi ta' aldeidi; paraformaldeide
2913 00 00	Derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati ta' prodotti ta' intestatura 2912
2914	Ketoni u kinoni, b'funzjoni ossiġenu jew le, u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2915	Aċti aċikliċi monokarboksiliċi saturati u l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u peroksi aċti; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2916	Aċti aċikliċi monokarboksiliċi mhux saturati, l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u perossiaċidi; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2917	Aċti polikarboksiliċi, l-anidridi, alidi, perossidi u l-perossiaċidi tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2918	Aċti karboksiliċi b'funzjoni addizzjonali ossiġenu u l-anidridi, alidi, perossidi u perossiaċidi tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom

▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2919	Esteri fosforiċi u l-melħ tagħhom, inklużi lattofosfati; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2920	Esteri ta' aċti oħrajn inorganiċi ta' non-metalli (ħlief esterj ta' alidi tal-idroġenu) u l-melħ tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2921	Komposti funzjoni-amina
2922	Amino-komposti funzjoni-ossiġenu
2923	Melħ u idrossidi ta' ammonju kwaternarju; leċitini u fosfoaminolipidi oħrajn, kimikament definiti jew le
2924	Komposti funzjoni-karboksiamide; komposti funzjoni-amide ta' aċtu karboniku
2925	Komposti funzjoni-karboksimida (inkluża sakkarina u l-melħ tagħha) u komposti funzjoni-imine
2926	Komposti funzjoni-nitril
2927 00 00	Komposti-diażo, -ażo jew -ažoksi
2928 00	Derivattivi organiċi ta' idrażin jew ta' idroksilamin
2929	Komposti b'funzjoni-nitroġenu oħra
2930	Komposti organo-sulfuriċi
2931	Komposti organo-inorganiċi oħrajn
2932	Komposti eteroċikliċi b'etero-atomu(i) ta' ossiġenu biss
2933	Komposti eteroċikliċi b'etero-atomu(i) ta' nitroġenu biss
2934	Aċti nuklejki u l-melħ tagħhom, definit kimikament jew le; komposti eteroċikliċi oħrajn
2935 00	Sulfonamidi
7106	Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7107 00 00	Metalli ta' valur baxx miksijin bil-fidda, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati
7108	Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu) mhux maħdum jew f'għamla semi-manifatturata, jew f'għamla ta' trab
7109 00 00	Metalli ta' valur baxx jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati
7110	Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7111 00 00	Metalli ta' valur baxx, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati
7112	Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezzjuż
7201	Hadid mhux maħdum għadu hierēg mill-kalkara (pig iron) u Spiegeleisen f'biċċiet tawwalin, blokk jew forom oħrajn primarji
7202	Liġi tal-ħadid
7203	Prodotti ta' ħadid magħmulin bit-tnaqqis dirett ta' minerali tal-ħadid u prodotti oħrajn ta' ħadid b'ħafna ħofor (spongy), f'għoqod, gerbub jew forom simili; ħadid b'purità minima bil-piż ta' 99,94 %, f'għoqod, gerbub jew forom simili
7204	Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar
7205	Qmuħ u trabijiet, ta' ħadid mhux maħdum għadu hierēg mill-kalkara (pig iron), ta' spiegeleisen, ta' ħadid jew ta' azzar
7206	Hadid u ħadid mhux liga f'ingotti jew f'forom oħrajn primarji (ħlief ħadid ta' intestatura 7203)
7401 00 00	Mattes tar-ram; ram siment (ram ippreċipitat)



▼ **M1**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
7402 00 00	Ram mhux raffinat; anodi tar-ram għal irfinar elettrolitiku
7403	Ram raffinat u liġi ta' ram, mhux maħdumin
7404 00	Skart u fdal ta' ram
7405 00 00	Liġi prinċipali ta' ram
7406	Trabijiet u qxur ta' ram
7501	Mattes tan-nikil, ġebel (sinters) ta' ossidu tan-nikil u prodotti intermedji oħrajn ta' metallurġija tan-nikil
7502	Nikil mhux maħdum
7503 00	Skart u fdal ta' nikil
7504 00 00	Trabijiet u qxur ta' nikil
7601	Aluminju mhux maħdum
7602 00	Skart u fdal ta' aluminju
7603	Trabijiet u qxur ta' aluminju
7801	Ċomb mhux maħdum
7802 00 00	Skart u fdal ta' ċomb
ex 7804	Trabijiet u laqx taċ-ċomb
7901	Żingu mhux maħdum
7902 00 00	Skart u fdal ta' żingu
7903	Trab, terer u laqx ta' żingu
8001	Landa mhux maħduma
8002 00 00	Skart u fdal ta' landa
ex 8101	Tungstenu (wolfram) inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8102	Molibdenu inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8103	Tantalu inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8104	Manjeżju inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8105	Mattes ta' kobalt inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8106 00	Bismut inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8107	Kadmju inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8108	Titanju inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8109	Żirkonju inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8110	Antimonju inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8111 00	Manganiż inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8112	Berillju, kromju, ġermanju, vanadju, gallju, ħafnju, indju, nijobju (kolombju), renju u tallju, oġġetti ta' dawn il-metalli, inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)
ex 8113 00	Ċermiti inkluż skart u fdal (għajr għal prodotti nofshom lesti u lesti)



## ANNEX III

Tagħmir u teknoloġija ewlenin marbuta mal-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp tal-infrastruttura fil-Krimea u f'Sevastopol imsemmija fl-Artikolu 2c:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-Prodott
7304 11 00	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-AZZAR LI MA JSADDADX
7304 19 10	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL-LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' < = 168.3 MM (MINBARRA PRODOTTI TA' AZZAR LI MA JSADDADX JEW TA' ĦADID FONDUT)
7304 19 30	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' > 168.3 MM IŻDA < = 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TA' AZZAR LI MA JSADDADX JEW TA' ĦADID FONDUT)
7304 19 90	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL-LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' > 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TA' AZZAR LI MA JSADDADX JEW TA' ĦADID FONDUT)
7304 22 00	PAJPIJET TAT-TĦAFFIR, MINGĦAJR SALDATURA, TA' AZZAR INOSSIDABBLI, TA' TIP UŻAT FIT-TĦAFFIR GĦAL ŻEJT JEW GASS
7304 23 00	PAJP GĦAT-TĦAFFIR, BIĊĊA WAĦDA, TA' TIP UŻAT FIT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW GĦALL-GASS, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR (MINBARRA PRODOTTI TAL-AZZAR LI MA JSADDADX JEW TAL-ĦADID FONDUT)
7304 24 00	KEJSING U TUBI, MINGĦAJR SALDATURA, TA' TIP UŻAT FIT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW GASS, TAL-AZZAR LI MA JSADDADX
7304 29 10	KEJSING U TUBI TA' TIP UŻAT GĦAT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' < = 168,3 MM (MINBARRA PRODOTTI TAL-ĦADID FONDUT)
7304 29 30	KEJSING U TUBI TA' TIP UŻAT GĦAT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' > 168,3MM, IŻDA < = 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TAL-ĦADID FONDUT)
7304 29 90	KEJSING U TUBI TA' TIP UŻAT GĦAT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, MINGĦAJR ĠONOT, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' > 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TAL-ĦADID FONDUT)
7305 11 00	PAJPIJET TAL-LINJA TA' TIP UŻAT GĦAS-SISTEMI TAL-PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW TAL-GASS, LI GĦANDHOM UĊUH ĊIRKOLARI U DIJAMETRU MINN BARRA TA' > 406.4 MM, TAL-ĦADID JEW AZZAR, IWWELDJATI BL-ARK MGĦADDAS MIT-TUL
7305 12 00	PAJPIJET TAL-LINJA TA' TIP UŻAT GĦAS-SISTEMI TAL-PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW TAL-GASS, LI GĦANDHOM UĊUH ĊIRKOLARI U DIJAMETRU MINN BARRA TA' > 406.4 MM, TAL-ĦADID JEW AZZAR, IWWELDJATI BL-ARK MIT-TUL (MINBARRA PRODOTTI WWELDJATI BL-ARK MGĦADDAS MIT-TUL)
7305 19 00	PAJPIJET TAL-LINJA TA' TIP UŻAT GĦAS-SISTEMI TAL-PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW TAL-GASS, LI GĦANDHOM UĊUH ĊIRKOLARI U DIJAMETRU MINN BARRA TA' > 406,4 MM, TA' PRODOTTI RRUMBLATI ĊATTI TAL-ĦADID JEW AZZAR, IWWELD-JATI BL-ARK MIT-TUL (MINBARRA PRODOTTI WWELDJATI BL-ARK MIT-TUL)
7305 20 00	KEJSING TA' TIP UŻAT FIT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, LI GĦANDHOM UĊUH ĊIRKOLARI U DIJAMETRU MINN BARRA TA' > 406,4 MM, TA' PRODOTTI RRUMBLATI ĊATTI TAL-ĦADID JEW AZZAR
7306 11	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL-LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, IWWELDJATI, TA' PRODOTTI RRUMBLATI ĊATTI TAL-AZZAR LI MA JSADDADX, TA' DIJAMETRU ESTERN TA' < = 406,4 MM

▼ **MI**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-Prodott
7306 19	PAJPIJET GĦAL LINJI TA' TIP UŻAT GĦAL-LINJI TA' PAJPIJET TAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, IWWELDJI JEW IRRUMBLATI ĊATTI, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' <= 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TA' AZZAR LI MA JSADDADX JEW TA' ĦADID FONDUT)
7306 21	KEJSING U TUBI TA' TIP UŻAT FIT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, IWWELDJI, TA' PRODOTTI RRUMBLATI ĊATTI TAL-AZZAR LI MA JSADDADX, TA' DIJAMETRU ESTERN TA' < = 406,4 MM
7306 29	KEJSING U TUBI TA' TIP UŻAT GĦAT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT JEW IL-GASS, IWWELDJI JEW IRRUMBLATI ĊATTI, TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, B'DIJAMETRU ESTERN TA' <= 406,4 MM (MINBARRA PRODOTTI TA' AZZAR LI MA JSADDADX JEW TA' ĦADID FONDUT)
ex 7311 00	KONTENITURI TAL-ĦADID JEW TAL-AZZAR, GĦAL GASS IKKUMPRESSAT JEW MAGĦMUL LIKWIDU (MINBARRA KONTENITURI MIBNIJA B'MOD SPEĊIFIKU JEW MGĦAMMRA B'TIP WIEĦED JEW AKTAR TA' TRASPORT)
8207 13 00	GĦODDA GĦAT-TITQIB FIL-BLAT JEW GĦAT-TĦAFFIR FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTIJET LI JAHD MU TA' KARBIDI TAL-METALL ISSOLIDIFIKATI BIS-SĦANA JEW ĊERMIT
8207 19 10	GĦODD GĦAL TĦAFFIR TA' BLAT JEW TOQOB FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTIJET LI JAHD MU TAD-DJAMANT JEW DJAMANT AGGLOMERAT
8413 50	POMPI REĊIPROKANTI B'DISPJAZZAMENT POŻITTIV GĦAL-LIKWIDI, IMĦADDMA BL-ELETTRIKU (MINBARRA DAWK TAS-SOTTOINTESTATURI 8413 11 U 8413 19, POMPI TAL-FJUWIL, BIL-MEZZ TAL-LUBRIKAZZJONI JEW BIT-TKESSIĦ GĦALL-MAGNI BIL-PISTUNI TAL-KOMBUSTJONI INTERNA U POMPI TAL-KONKRIT)
8413 60	POMPI ROTATORJI TA' SPOSTAMENT POŻITTIV GĦAL-LIKWIDI, IMĦADDMA BL-ELETTRIKU (MINBARRA DAWK TAS-SOTTOINTESTATURI 8413 11 U 8413 19 U POMPI TAL-FJUWIL, BIL-MEZZ TAL-LUBRIKAZZJONI JEW BIT-TKESSIĦ GĦALL-MAGNI BIL-PISTUNI TAL-KOMBUSTJONI INTERNA)
8413 82 00	LIFTIJET TAL-LIKWIDI (MINBARRA POMPI)
8413 92 00	PARTIJET TA' LIFTIJET TAL-LIKWIDI, MHUX SPEĊIFIKATI X'IMKIEN IEĦOR
8430 49 00	MAKKINARJU LI JĦAFFER JEW LI JINŻEL FL-ART GĦAT-TĦAFFIR TAL-ART JEW L-ESTRAZZJONI TA' MINERALI JEW METALLI MHUX MAĦDUMA, MHUX IMĦADDEM WAĦDU U MHUX IDRAWLIKU (MINBARRA MAKKINARJU LI JĦAFFER IL-MINI U GĦODDA MĦADDMA BL-IDEJN)
8431 39 00	PARTIJET MINN MAKKINARJU TAL-INTESTATURA 8428, MHUX SPEĊIFIKATI XI MKIEN IEĦOR
8431 43 00	PARTIJET GĦAL MAKKINARJU LI JĦAFFER JEW LI JINŻEL FL-ART TAS-SOTTOINTESTATURI 8430 41 JEW 8430 49, MHUX SPEĊIFIKATI XI MKIEN IEĦOR
8431 49	PARTIJET MINN MAKKINARJU TAL-INTESTATURA 8426, 8429 U 8430, MHUX SPEĊIFIKATI XI MKIEN IEĦOR
8479 89 97	MAKKINARJU, APPARAT U TAGĦMIR MEKKANIKU, MHUX SPEĊIFIKATI XI MKIEN IEĦOR
8705 20 00	DERIKS MOBBLI GĦAT-TĦAFFIR
8905 20 00	PJATTAFORMI TA' TĦAFFIR JEW TA' PRODUZZJONI LI JŻOMMU FIL-WIĊĊ JEW LI JINŻLU TAĦT L-ILMA
8905 90 10	BASTIMENTI ĦFIEF LI JBAĦĦRU, FIRE-FLOATS, KREJNIJET F'WIĊĊ L-ILMA U BASTIMENTI OĦRA LI N-NAVIGABBILTÀ TAGĦHOM HIJA SUSSIDJARJA GĦALL-FUNZJONI EWLENIJA TAGĦHOM (MINBARRA DREGERS, PJATTAFORMI GĦAT-TĦAFFIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI; BASTIMENTI TAS-SAJD U TAL-GWERRA)